MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Talba Numru. 112/2015

**Karmenu MIFSUD [ID. Nru. 712557M]**

**Vs**

**Benedetto MIZZI [ID. Nru. 193952M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-5 ta' Frar, 2015** u li permezz taghha talab lill-intimat ihallsu s-somma ta' elfejn seba' mija u erba' euro u sebgha u hamsin centezmi ta' euro [€2,704.57c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "1. Illi l-attur ipprovda servizz funebri bhala kummissjonant, wara li l-konvenut ikkommissjonah sabiex jorganizza l-funeral ta' certu Giuseppa Mizzi li nzamm fis-17 ta' Marzu 2014, fil-Knisja ta' Hal-Kirkop;

2. ILLI s-servizz rez mill-attur lill-konvenut jammonta ghal elfejn, seba’ mija u erba ewro u sebgha u hamsin centezmu (€2,704.57);

3. ILLI l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut baqa inadempjenti;

4. ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

GHALDAQSTANT l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn seba’ mija u erba’ ewro u sebgha u hamsin centezmu (€2,704.57) u l-imghaxijiet fuq l-istess skont il-ligi, mid-data meta s-servizz kien rez sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artiokolu 166A datata 3 ta’ Ottubru 2014, b’dana li l-konvenut huwa minn issa ngunt in subizzjoni”.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fil-25 ta’ Frar, 2015 (fol. 5) u li la ppreżenta risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti maghmula fis-seduta tal-lum stess fejn iddikjara li huwa rcieva l-ammont reklamat permezz ta’ dawn il-proceduri l-gimgha l-ohra u ghalhekk qieghed jitlob biss l-ispejjez u l-imghaxijiet.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti talab li jithallas minghand l-intimat is-somma ta' elfejn seba' mija u erba' euro u sebgha u hamsin centezmi ta' euro [€2,704.57c] minghand l-intimat ghal servizzi funebri konessi mal-funeral ta' Giuseppa Mizzi li nzamm fis-17 ta' Marzu 2014 fil-Knisja ta' Hal-Kirkop.

2. Ir-rikorrenti ddikjara fis-seduta tal-lum stess li l-intimat kien hallas is-sorte reklamat f'dawn il-proceduri l-gimgha u li kull ma kien qieghed jitlob issa kienu biss l-imghaxijiet fuq l-ammont reklamat mid-data ta' meta inghata s-servizz mir-rikorrenti u l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri u l-ittra ufficjali maghmula minnu a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ra li l-intimat baqa ma deherx, la ghas-seduta tal-15 ta' April, 2015 u lanqas ghal dik tal-lum minkejja li kien gie debitament notifikat skond il-ligi.

Ikkunsidra;

4. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

5. Irrizulta li s-sorte thallas wara li kienu nbdew dawn il-proceduri.

6. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li, wara li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-Talba

tar-rikorrenti ghar-rigward tas-sorte stante li dan thallas qabel illum, qieghed jilqa l-kumplament tat-talba ghar-rigward ta’ l-imghaxijiet u l-ispejjez.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-Talba tar-rikorrenti ghar-rigward tas-sorte stante li dan thallas qabel illum, qieghed jilqa l-kumplament tat-talba ghar-rigward ta’ l-imghaxijiet u l-ispejjez u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-imghaxijiet skond il-ligi fuq l-ammont reklamat ta’ elfejn seba’ mija u erba’ euro u sebgha u hamsin centezmi ta’ euro [€2,704.57c] mis-17 ta’ Marzu, 2014 sad-data tal-hlas maghmul mill-intimat lir-rikorrenti qabel illum, kif ukoll jikkundannah ihallas l-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri inkluz dawk in konnessjoni ma’ l-ittra ufficjali maghmula a tenur ta’ l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------